# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 285/2018

**Il-Pulizija**

**vs**

**Malcolm Said**

Seduta tal-25 ta' Lulju, 2019.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellat, Malcolm Said, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 297679M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

F'dawn il-Gzejjer matul ix-xahar t' Awwissu 2008 u anke fix-xhur ta' qabel, kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-

liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija kienet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tat-30 ta' Mejju, 2018 li biha ddikjarat l-azzjoni preskritta u lliberat lill-imputat mill-imputazzjoni miġubja kontra tiegħu;

Rat ir-rikors tal-Avukat Generali, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fis-27 ta' Ġunju, 2018, permezz ta' liema talab lil din il-Qorti **thassar u tirrevoka** s-sentenza appellata u tiddisponi minnha skont il-Liġi;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat

1. Dan huwa appell tal-Avukat Ġenerali bil-gravam li l-Qorti tal-Maġistrati iddikjarat il-fatti preskritti meta l-preskrizzjoni

qatt ma kienet sollevata mid-difiża nnifisha. L-Avukat Generali iressaq l-argument illi l-ewwel Qorti strahet fuq l-insenjament tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-31 t'Ottubru, 2013 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Bartolomew Bonnici meta dak kien kaz fejn il-preskrizzjoni kienet sollevata mid-difiza u mhux, bhal fil-kaz odjern, mill-Qorti *marte proprio*. Inoltre kieku id-difiza kienet konvinta mit-trapass tat-terminu preskrittiv ma kienitx tissoggetta lill-appellat ghall-proceduri Kostituzzjonali u d-dewmien konsegwenzjali; setgħet toqgħod biss fuq l-ewwel data li sar xi ħaġa matul is-seduta u dan kien fl-24 ta' Jannar, 2014. Il-Qorti tal-Maġistrati straħet fuq il-każ 'Il-Pulizija v Bartolomew Bonnici' f'liema każ kienet id-difiża li qajmet il-preskrizzjoni. Skont l-Avukat Ġenerali huwa dan l-aggravju prinċipali għaliex ma jistax jingħad li ż-żewġ każi mxew l-istess. Il-każ mhux preskritt għax kieku kienet tkun l-istess difiża li tqajjem il-punt. Lanqas matul il-proċeduri kostituzzjonali – li parti minnhom kienu dwar id-dewmien biex l-appellat ikun notifikat – ma tqajmet il-preskrizzjoni;

2. Fl-istess aggravju l-Avukat Generali itenni illi l-ewwel Qorti qatt ma setgħet raġonevolment tasal għall-konklużjoni li tillibera lill-appellat għaliex ma hemmx indikat meta kien notifikat. L-ewwel Qorti qatt ma kellha tidhol fil-kwistjoni tal-preskrizzjoni la darba qatt ma tqajmet mill-appellat. Il-fatt li m'hemmx notifika in atti ma jfissirx li l-appellat ma kienx notifikat;

3. Dan il-każ huwa dwar allegat pussess tad-droga kokaina, komunement msejjah pussess semplici, minghajr awtorizazzjoni mill-Awtoritajiet, li sehh fix-xahar ta' Awwissu 2008 u anke fix-xhur ta' qabel. Il-Pulizija Ezekuttiva harget citazzjoni kontra l-imputat bid-data tal-25 ta' Lulju 2013, prezentata fir-registru tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-istess jum. L-Ordni tal-Avukat

Generali sabiex l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), skond l-artikolu 22 (2) tal-Kapitolu 101 tal-ligijiet ta' Malta, harget ukoll bl-istess data. L-ewwel udjenza quddiem il-Qorti tal-Magistrati sehhet fis-16 ta' Settembru 2013 u fil-verbal tal-Qorti hemm registrat li meta ssejħet il-kawża ma deher ħadd. Dan ifisser li la deher l-imputat wisq anqas l-ufficcjal prosekutur, u l-kawza kienet differita ghall-5 ta' Novembru, 2013;

4. Fl-udjenza tal-5 ta' Novembru ma sar xejn peress illi s-seduta kollha kienet differita ghall-24 ta' Jannar, 2014 stante indisposizzjoni tal-Qorti. F'dik l-udjenza, imbaghad, deher l-imputat u inqratlu l-akkuza bil-gurament u minn hemm 'l quddiem il-kawza hadet il-kors taghha fejn ghal xi zmien l-ewwel Qorti kellha tistenna ghall-ezitu ta' proceduri ta' natura kostituzzjonali dwar l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat appellat;

5. Mid-deposizzjoni tal-Ispettur prosekutur jemergi illi il-Pulizija ressqet lill-imputat biex iwiegeb ghall-imputazzjoni dedotta kontra tieghu wara li, rizultat ta' tfittxija gewwa fond ta' persuna ohra li kienet suspettata li qed titraffika d-droga, kien instab *notebook* li kien jinkludi ismijiet, laqmijiet, numri u cifri ohra. Mit-telefon cellulari tas-suspettat sabu n-numru tat-telefon indikat b'laqam li wara indagini l-Pulizija iddecidew li kien jappartjeni lill-imputat u ghalhekk ghaddew biex arrestawh u jinterrogawh. Fit-3 t'Awwissu 2008 l-appellat kien irrilaxxja stqarrija izda fil-mori tal-kawza kien ikkontesta l-validita' taghha bi proceduri kostituzzjonali li ntemmew bis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-24 ta' Gunju 2016 fl-ismijiet Malcolm Said vs Avukat Generali u Kummissarju tal-Pulizija;

6. F'dik is-sentenza, l-Qorti Kostituzzjonali ordnat, ossia ikkonfermat l-ordni, *inter alia,* tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili

(Sede Kostituzzjonali) ghar-rimozzjoni tal-istqarrija tal-imputat mill-inkartament tal-proceduri kriminali. Inoltre, irriteniet hekk dwar il-kwistjoni tad-dewmien:

"*Din il-Qorti taqbel mal-ewwel qorti illi l-fatt li l-attur tħalla fi stat ta' inċertezza għal ħames snin jistenna sakemm inbdew il-proċeduri kontrih huwa nuqqas kontra d-dritt tiegħu li jkollu deċiżjoni fi żmien raġonevoli. Jista' jkun hemm ċirkostanzi fejn dak iż-żmien ukoll jitqies raġonevoli, bħal meta l-każ ikun ikkomplikat u jkun jinħtieġ investigazzjoni twila u akkurata u kumpilazzjoni ta' ħafna xhieda, iżda ma tressqet ebda prova li kien hemm din il-ħtieġa fil-każ ta' llum.*'

7. Issa skond l-artikolu 22(2)(b)(ii) tal-Kap 101, il-piena għall-pussess sempliċi tad-droga eroina hija dik ta' bejn tliet xhur u sena priġunerija u /jew multa li ma taqbiżx l-€2,329.37. Skond l-artikolu 688(d) tal-Kapitolu 9, l-preskrizzjoni applikabbli hija dik ta' ħames snin u dwar dan ma hemm l-ebda kontestazzjoni. Dak li hu kontestat hu li skond l-Avukat Generali, il-kwistjoni ta' preskrizzjoni ma kellhiex titqajjem *marte proprio* mill-ewwel Qorti. Din il-Qorti ma taqbel xejn mar-ragunament tal-Avukat Generali. L-artikolu 694 tal-Kap 9 fil-fatt jiddisponi illi '*Il-preskrizzjoni hija applikata mill-qorti ex ufficio, u l-imputat jew l-akkużat ma jistax jirrinunzja għaliha.*'

8. Għalhekk m'hemm ebda bżonn li l-preskrizzjoni titqajjem mill-imputat, jew kif jargumenta l-Avukat Generali, la darba ma tqajmitx mid-difiza kif komposta allura zgur li ma kienx hemm l-elementi tal-preskrizzjoni. Jekk il-Qorti, hija u teżamina l-proċess tasal għall-konklużjoni li l-każ huwa preskritt, il-Qorti hija marbuta bil-liġi li tiddikjara l-każ preskritt. Lanqas ma hija aċċettabbli s-sottomissjoni għaliex il-każ ċitat mill-Ewwel Qorti u dan il-każ ma mxewx l-istess. Il-Qorti tal-Maġistrati kienet

qed tapplika prinċipju dwar dover li jitnissel direttament mil-liġi – prinċipju li lanqas ma jista' jirrinunzja għalih l-imputat jew l-akkużat. U lanqas kienet il-funzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali li tikkonstata jekk il-każ kienx preskritt jew le għaliex il-Qorti Kostituzzjonali u dik tal-Prim'Awla qabilha kienu aditi bi kwistjoni ta' ksur tad-drittijiet tal-Bniedem taħt il-Kap IV tal-Kostituzzjoni u taħt il-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Id-determinazzjoni tal-preskrizzjoni taqa' fil-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati jew fil-Qorti Kriminali jew fil-Qrati li jisimgħu appelli minn dawn il-Qrati;

9. Isegwi ghalhekk li jkun ezaminat dak li wassal lill-ewwel Qorti ghad-decizzjoni taghha u opportunement qed tkun riprodotta il-parti relattiva tas-sentenza:

' *Qabel xejn, il-Qorti tirrileva illi l-imputazzjoni odjerna tirreferi għax-xahar ta' Awwissu 2008 u x-xhur ta' qabel. Jirriżulta mill-atti illi c-charge sheet odjerna ġiet esebita* [recte: prezentata*]* *fir-Registru ta' din il-Qorti fis-27 ta' Lulju 2013. Il-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għas-16 ta' Settembru 2013, f'liema seduta madankollu ma deher ħadd. Is-seduta sussegwenti tal-5 ta' Novembru 2013 giet differita stante illi l-Qorti kienet indisposta u l-imputat deher għall-ewwel darba fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2014, meta bdiet tinstema' l-kawża. Il-Prosekuzzjoni, fl-ebda stadju ma esebiet l-ewwel riferta tan-notifika tal-imputat. Fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Bartolomew Bonnici, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Ottubru 2013, fejn f'dak il-każ, l-appellant kien eċċepixxa b'suċċess il-preskrizzjoni, fin-nuqqas ta' riferti fl-atti li setgħu jindikaw id-data meta l-imputat ġie notifikat, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ewwel data li fiha kien deher l-appellant quddiem il-Qorti in konnessjoni ma' dak il-każ. Fir-rigward tal-ewwel dehra tiegħu, il-Qorti qieset illi "quindi*

*l-unika data illi l-Qorti tista' torbot għall- fini ta' notifika hija din is-seduta tal-25 ta' Ottubru, 2011 fejn bil-preżenza tiegħu l-appellant kien qiegħed jikkonferma t-tali notifika u jissottometti ruħu għall-ġudizzju tal-Qorti. F'din id-data t-terminu ta' tliet xhur laħaq skada u quindi l-azzjoni kienet tinsab preskritta u l-Qorti ma setghetx tkompli bil-kawża."*

*F'dan il-kaz, bħal każ ċitat, fin-nuqqas ta' riferti li juru meta kien ġie notifikat għall-ewwel darba l-imputat odjern, l-unika data li l-Qorti tista' torbot magħha, għal fini ta' notifika, hija l-ewwel seduta li fiha deher l-imputat odjern, ossia dik tal-24 ta' Jannar 2014, fejn allura bħal fil-każ ċitat, l-imputat kien qieghed jikkonferma n-notifika tiegħu u jissottometti ruħu għall-ġudizzju tal-Qorti. L-imputazzjoni odjerna hija preskrivibbli b'terminu ta' ħames snin skont l-Artikolu 688(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u għalhekk la darba din tirreferi għal Awwissu 2008 u x-xhur ta' qabel din id-data, fl-24 ta' Jannar 2014, l-azzjoni kienet preskritta.'*

10. Minn ezami ta' dan kollu, din il-Qorti tifhem il-preokkupazzjoni tal-Avukat Generali li r-raguni ghall-dan l-appell hija wahda ta' principju. Anke jekk l-istess Avukat Generali ma jghidx hekk espressament, jidher li l-ilment tieghu hu ffokat fuq l-element tas-sorpriza ghaliex l-ewwel Qorti ssollevat l-kwistjoni *ex officio* u ghaddiet biex tipprolata s-sentenza taghha minghajr ma tat l-opportunita' lill-prosekuzzjoni biex tressaq dik il-prova jew taghmel dawk is-sottomissjonijiet kontra dik l-eccezzjoni. Minn dan l-aspett l-Avukat Generali ghandu ragun ghaliex Qorti ghandha dejjem tevita li jkun hemm xi sorpriza fuq wahda mill-partijiet fil-gudizzju taghha;

11. Madanakollu, il-kwistjoni kollha issa tirrizolvi ruhha f'wahda ta' pratticita' ghaliex mill-inkartament u minn ezami tad-deposizzjonijiet in atti, kollox juri li ma kien hemm xejn li seta interrompa d-dekors taz-zmien ghal-preskrizzjoni ta' hames snin. Dak li jista' jkun dibattibbli hu jekk kienx ghad jonqos ftit jiem biss qabel id-dekors tal-hames snin. Dwar dan, izda, tilqa' s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjoni ghaliex jidher illi s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati kienet radikata mid-dikjarazzjoni tal-oghla Qorti tal-pajjiz li kemm il-darba rriferiet fis-sentenza taghha ghal-fatt li l-prosekuzzjoni halliet hames snin jghaddu biex ressqet lill-imputat;

12. In konkluzzjoni, ghalhekk, tiddisponi minn dan l-appell billi tiddeciedi illi filwaqt illi kien ikun aktar desiderabbli li tkun evitata sitwazzjoni fejn il-prosekuzzjoni tkun rinfaccjata b'sentenza li fiha l-Qorti qajmet *ex officio* l-kwisjtoni ta' preskrizzjoni minghajr ma inghatat l-opportunita' li taghmel il-kaz taghha, id-decizzjoni tal-ewwel Qorti mertu ta' dan l-appell kienet xorta wahda korretta u ghalhekk tichad l-appell tal-Avukat Generali;